# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 t'Ottubru 2015

Talba Numru: 529/2014 NHV

Numru fuq il-Lista: 14

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs.**

**Jenkins Zoey Anne– K.I. 69648(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf, mija, erbgħa u tmenin ewro, wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1,184.71c), dovuta mill-konvenuta lis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bil-kont numru *A/C40237003* mogħti mis-soċjeta' attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Sema' lil Simone Wightman rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi tikkonferma bil-ġurament illi l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf, mija, erbgħa u tmenin ewro, wieħed u sebgħin ċenteżmu (€1,184.71c), bl-imgħax legali dekorribbli mit-12 ta' Mejju 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 837/2014, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur